MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 768/2003

**Mario Mifsud**

**vs**

**Montaldo Insurance Agency Ltd ghal American Home Assurance Company, assikurattrici ta' Lee Anthony Degiorgio**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2003 fejn intqal li l-istanti ghandu dritt li (in segwitu ghal incident stradali li sehh ix-Xaghjra fit-08.10.02 meta l-karozza Citroen nurmu HAW 262 tieghu sfat danneggjata u s-socjeta' konvenuta fil-kwalita' ndikata assumiet responsabbilta' ghall-incident u sewwiet il-karozza tal-istanti) ghal risarciment ta' danni ghal deprezzament in vista tal-fatt li l-karozza kienet inxtrat gdida xahar biss qabel l-incident,**

**flimkien ma' likwidazzjoni tal-quantum dovut ghal deprezzament u kundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-ammont hekk likwidat occorrendo bl-opera ta' periti nominando.**
**Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta' ittra u konsult u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta' konvenuta fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn intqal illi l-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fl-avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:**
**1. It-tiswijiet kollha saru skond is-sengha u l-arti gewwa repair garage ta' l-ghazla ta' l-attur;**
**2. Intuzaw parts originali;**
**3. Il-karozza giet irtirata mill-attur minghajr ebda lment wara li saru x-xogholijiet kollha fuqha; u**
**4. Inoltre, s-socjeta' konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli taht il-polza ta' assigurazzjoni biex thallas tali danni ta' deprezzament allegatament sofferti mill-attur.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Illi fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004 gie eccepit ulterjorment illi s-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur stante illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dana stante illi f'kawza ta' danni rizultanti minn kollizzjoni, l-kawza dejjem ghandha tigi ntavolata kontra s-sewwieq.**

**Illi b'digriet tas-26 ta' Settembru, 2003 inhatar Joseph Zammit bhala espert tekniku sabiex jirrelata jekk hemmx deprezzament, u jekk hemm, jikkwantifika kemm hu dan id-deprezzament. Semgha lill-Perit Tekniku Joseph Zammit jirrelata verbalment fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2004.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Mifsud, Anthony Mizzi, Anna Bonnici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha**

**tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet u ra wkoll il-verbal ta' l-4 ta' Marzu, 2004 fejn il-partijiet ghamlu referenza ghan-noti taghhom fuq il-punt in kwistjoni fil-kawza fl-ismijiet Middlesea Insurance plc noe et vs Montaldo Insurance noe avviz numru 846/03JR.**

**Ikkunsidra:**

**1. il-kawza qed issir ghall hlas ta' deprezzament fil-vettura Citroen C3, peress li kien ilha biss xi ghoxrin gurnata fuq it-triq. Din kienet inxtrat bil-prezz ta' sitt t'elef u tlett mitt lira Maltija.**

**2. Tqajmet l-eccezzjoni li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn s-socjeta` konvenuta u l-attur.**

**3. Kif inghad mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet « Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Robert Azzopardi deciza mil-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2004 :**

**« Tajjeb li jigi osservat illi kif drabi ohra ntqal mhux eskluz fit-teorija li s-sitwazzjoni koncepita mis-socjeta` appellanti tista' tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, s-socjeta` assikurattrici tassumi pjenament ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni, u dana bl-accettazzjoni da parte tad-danneggjat li jehles lil min ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jehtieg li jkun esplicitu, car u univoku u maghmul fil-forma li tezigi l-ligi. Ftehim li jrid isir in osservanza tal-provvedimenti tal-Kap.104. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet « Joseph Mallia vs Joseph Falzon et » Appell Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996……..**

**…………meta l-kumpanija assikurattrici tircievi l-claim mit-third party, tipprocessah, u tistabilixxi l-ammont tal-indennizz allura bejn il-kumpanija assikurattrici u t-third party jinholoq rapport gdid, dak cioe`, li l-kumpanija jekk ikun il-kaz, thallas it-third party in bazi ghal polza tas-sigurta`…. »**

**Inoltre ma jistghax ikun li ma ssirx referenza ghal dak li nnutat il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet « Joseph Mallia vs Joseph Falzon et » fuq**

**riferita. Intqal hekk : « Utili f'dan il-kuntest it-tezi ta' l-Avukat Yana Micallef Stafrace *Legal Developments in the Field of Motor Vehicle Insurance* – 1986, u l-kazistika fiha migbura, fosthom : Dr. F.Mallia vs Joseph Sammut et, Prim'Awla, 26 ta' Gunju, 1981 ; Dr. J.F. Cassar Galea vs M.C. Borg et, Prim'Awla, 13 ta' Ottubru, 1986 ; Andrea Sant vs George Agius noe et, Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju, 1980 ; u Micallef vs Cassar, Qorti ta' l-Appell, Vol.XXXVII, P.I, p.140 ; Vol.XLIX, P.I. p.158 u ohrajn. »**

**4. Jirrizulta li ghat-tiswijiet kienet ghamlet tajjeb l-istess socjeta` konvenuta, u ghalhekk ma jistghax jinghad b'ebda mod li ma hemm ebda relazzjoni guridika. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari ghandha tigi michuda.**

**5. Inoltre ghandu jinghad ukoll :**
**« Illi taht l-iskorta tal-principju ewklieni tad-dritt assikurattiv dwar l-indennita` (The Principle of Indemnity), l-assikurat irid jitqieghed f'qaghda ekonomika li kien ikun fiha kieku l-periklu ma sehhx. B'mod partikolari, l-assikurat ma jistax jistaghna bis-sahha ta' polza ta' assikurazzjoni jew jaghmel qliegh minnha, l-izjed fejn il-polza tkun wahda li tirregola l-gid tal-assikurat. Ghalhekk l-ammont li l-assikurat jista' jippretendi li jithallas wara li jsehh l-incident huwa l-ammont ta' tnaqqis fil-prezz li l-haga ggib fis-suq bejn dak li kienet tiswa qabel l-incident u dak li sehh fl-incident. »**

**6. Dana qed jinghad in kwantu f'dan il-kaz si tratta ta' deprezzament. Dan id-deprezzament gie stabbilit mill-Perit Tekniku Joseph Zammit nominat minn dan it-Tribunal, fl-ammont ta' erba' mitt lira (Lm400.00). Il-Perit Tekniku innota fuq x'hiex kien qed jibbaza in-nuqqas fil-valur, fosthom il-fatt li l-ispray mqabbel hafna pero` mhux ta' l-istess kundizzjoni bhal dak li johrog mill-fabbrika. Gie nnutat li it-tiswijiet saru sew u intuzaw parts originali. Id-deprezzament f'dan il-kaz huwa fl-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00)**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati u qed jilqa' t-talba attrici, jillikwida d-danni rigwardanti deprezzament fis-somma ta' erba' mitt lira, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erba' mitta lira Maltin (Lm400.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi tlieta u ghoxrin lira ta' ittra u konsult, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------